**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Id-disa' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10/2024

**Laqgħa Numru 10**

13 ta novembru, 2024

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, l-Erbgha 13 ta' Novembru 2024 fl-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Marco Agius - Sindku
Noya Spiteri Hammett - Viċi Sindku
Martin Vella - Kunsillier
Glauber Spiteri - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Rita Gatt - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 06 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **10.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| **10.01.01** | Is-segretarju ezekuttiv qrat l-ittra ta apologija tal – kunsilliera Rita Gatt, fejn qalet li ma kienx possibli li tattendi ghal-laqgha habba l-hin. |
| **10.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 10.02.01 | Is-segretarju eżekuttiv bagħtet l-minuti tas-seduta numru 7/2024, 8/2024 u 9/2024 għad-disa' leġislatura permezz ta' imjel lis-sindku, viċi sindku u l-kunsilliera.<br>Il-Kunsillier Martin Vella gibed l-attenzjoni lis-segretarju ezekkutiv f'punt numru 07.04.13 fejn hemm miktub *"Il-kunsilliera ma qablux, għal raġuni li jaħsbu li għal xejn issir kamera ma jmurx ikun hemm xi vendikazzjonijiet"* izda li mhux minhabba vendikazzjonijiet izda ghal raguni li ahjar jkun hemm infurzar milli cameras.<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri approva il-minuti tas-seduta numru 7/2024, 4 u 9/2024, għad-disa' leġislatura u l-kunsillier Martin Vella issekonda. |
| **10.03.** | **Korrispondenza** |
| 10.03.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv fetħet is-seduta billi fakkret lill-kunsilliera biex kemm jista' jkun ma jitkellmux kollha f'daqqa, jisimgħu lil xulxin, u jiżguraw li jkunu temmew id-diskussjoni fuq is-suġġett attwali qabel ma jgħaddu għal suġġett ieħor, sabiex jiġi evitat kull tip ta' konfuzjoni. |
| 10.03.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet billi semmiet is-suċċessi fl-attivitajiet li għaddew. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 10.03.03 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kunsilliera preżenti li se jsiru emendi fil-minuti numru 6, biex jiġi inkluż li kien hemm qbil li jitħassar it-tender tal-fanali ta' Verdala sabiex il-fondi jiġu allokati għad-Daħla tal-3 Ibliet għall-installazzjoni ta' fanali ġodda. Is-Segretarju Eżekuttiv skużat ruħha għal dan in-nuqqas. |
| 10.03.04 | Is-Segretarju Eżekuttiv irriferiet għal imejl datata 28 ta' Ottubru 2024 mingħand ir-Reġjun Port, li tikkonferma allokazzjoni ta' fondi ta' €12,500 (VAT inkluż). Hija spjegat li dawn il-fondi ser jintużaw biex tiġi sottomessa rimbors għall-avveniment li sar fil-Kottonera fil-lejl tal-Ewwel tas-Sena 2023 (NYE 2023). Barra minn hekk, ġie spjegat li nxtraw ukoll bnadar, u għalihom ukoll ser tiġi sottomessa applikazzjoni għal rimbors. |
| 10.03.05 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm tabelli f'Bormla li fihom miktuba informazzjoni storika dwar Bormla, u ġie diskuss li dawn għandhom jiġu meqluba wkoll għall-Ingliż. Il-kunsilliera preżenti qablu li apparti jiġu meqlibu għal ingliż l-plakki għandhom jinbidlu, minħabba li xi wħud fihom żbalji u oħrajn huma mkissrin. |
| 10.03.06 | Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-ikla tal-Milied għall-ħaddiema tal-Kunsill ser issir fis-16 ta' Diċembru fit-Topaz Hotel. L-attendenza tiġi kkonfermata iktar il-quddiem, u fl-istess waqt ser tibda tifftex trasport biex ikun organizzat kif xieraq. |
| 10.03.07 | Segretarju Eżekkutiv kompliet billi infurmat li sar il-post mortem dwar il-Cospicua Short Play Festival. Hi infurmat li ma kien hemm l-ebda kumment negattiv fuq il-Kunsill u lanqas fuq l-attività, li kienet meqjusa bħala suċċess. |

| | |
|---|---|
| 10.03.08 | Is-Segretarju Eżekuttiv avżat ukoll li ġiet sottomessa applikazzjoni għal fondi tal-Public Works. Hi spjegat li l-perit issuġġerixxa liem bankini hemm bżonn li jsiru xi bidliet. |
| 10.03.09 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li hija ssottomettiet ma Transport Malta biex Triq John Pace tinbidel f'toroq b'direzzjoni waħda (one-way). |
| 10.03.10 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kunsilliera bil-proposta li jsiru bidliet fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-Kunsill. Minflok il-ħin attwali ta' 7:45 sa 16:30, ġie ssuġġerit li l-Kunsill jinfetaħ fis-7:15 u jagħlaq fl-16:00. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta, kif ukoll ma' suġġeriment ieħor li kull nhar ta' Ġimgħa l-Kunsill jagħlaq fis-1pm biex isir xogħol amministrattiv. |
| 10.03.11 | Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għal imejl datata 12 ta' Novembru mingħand Keerly Ruth u Rune Bo Jakobsen, li fiha talbu permess mingħand il-Kunsill biex jużaw high-up biex isewwu gallarija Maltija li tinsab fit-tieni sular. Il-kunsilliera preżenti ma qablux li jingħata permess għall-użu ta' high-up, iżda issuġġerew li jsir użu minn scaffolding bħala alternattiva. |
| 10.03.12 | Il-Fondazzjoni Kottonera talbet "no objection" għall-purċissjoni tal-Bambin. Il-kunsilliera ma sabu l-ebda obiezjoni għal din it-talba. |
| 10.03.13 | Sidien tad-dar li tinsab fi triq pedonali qed titlob permess speċjali, għaliex għandu bżonn li jżomm il-van quddiem id-dar għal perjodu ta' żmien sabiex ikun jista' jirranġaha. Il-kunsilliera qablu li jingħata l-permess. |
| 10.03.14 | Imejl datat 12 ta' Ottubru minn Charlene Grech fejn titlob li ssir rampa fi Triq il-Gendus, fuq in-naħa fejn jinsabu l-Cospicua Dynamos. Il-kunsilliera ma qablux mal-proposta, peress li hemm it-taraġ ta' zonqor f'dik l-inħawi kif ukoll ma lanqas ma jissodisfa r-regolamenti tas-CRPD |

| | |
|---|---|
| 10.03.15 | Imejl datat 1 ta' Novembru mingħand Chris Agius rigward il-problema ta' parkjar fit-Triq Santa Tereza, fejn qiegħed jissuġġerixxi li jsir parkjar riservat jew parkjar ikkontrollat ta' siegħa/siegħa u nofs. Il-kunsilliera kollha qablu li minn Triq Santa Liena sal-ferry, il-parking jiġi limitat għal siegħa u nofs, esklużivament għar-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv se tkun qiegħda tistaqsi lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tal-Belt biex tistħarreġ x'inhu l-proċess. Kif ukoll, il-kunsillier Martin Vella sugerixxa li l-CRPD tiġi kkuntattjata biex tiċċekkja li l-blue badges huma verifikati.<br><br>Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet daħlet għas-seduta. Kif ukoll, is-seduta ġiet suspenduta għal ftit ħin. |
| 10.03.16 | SPI/SCI/08/2024 – Espressjoni ta' Interess Finanzjarju għall-Karnival 2025 – Applikazzjoni li tagħlaq fis-2 ta' Diċembru. Assistenza mingħand il-Gvern Lokali. Is-Sindku Marco Agius suggerixxa li nagħmlu ballu tal-Karnival. Il-kunsilliera l-oħra qablu li nerġgħu niltaqgħu biex niddiskutu proposti oħra.<br><br>Il-kunsillier Glauber Spiteri qal li l-Madam tal-Iskola Primarja kelmitu u hi tixtieq li ssir mixja fiz-zmien il karnival, fejn jieqfu fi Pjazza Paulino Vassallo u jarmaw PA system. Il-kunsilliera preżenti qablu mal-proposta. |
| 10.03.17 | Imejl datat 28 ta' Ottubru mingħand Luca Bondin minn Digital Brain, fejn kien qed jirriklama litter bins bil-kameras għal prezz ta' €75 excluding VAT. Dawn il-litter bins jittieħdu ritratti diretti. Il-kunsilliera preżenti ma qablux li jsiru. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| **10.04** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
|---|---|
| 10.04.01 | Is-Sindku Marco Agius beda l-laqgħa billi infurma lill-kunsilliera l-oħra li għamel kuntatt mal-Ambaxxatur Taljan biex jiġi organizzata l-ġemellaġġ mal-belt ta' Civitavecchia. Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet staqsiet għal aktar informazzjoni dwar x'inhuma l-possibilità li jsir dan il-ġemellaġġ, u l-Is-Sindku Agius irrisponda li jistgħu jiffokaw fuq temi relatati mal-ikel u l-portijiet minħabba similaritajiet bejn żewg pajiżi. |
| 10.04.02 | Is-Sindku Marco Agius informa wkoll li kien mistieden għal laqgħa mal-Food Agency Malta, fejn ġie komunikat li nhar is-Sibt 23 ta' Novembru se ssir attività fit-Triq il-Gubilew tal-Fidda, bi skop li tqajjem l-interess tal-lokal u li tqajjem interess ghal-bejgħ tal-frott u ħaxix li jsir kull nhar ta' Sibt. Min-naħa tal-Kunsill, ser jorganizza rotta bil-van tal-kunsill għal persuni minn Bormla biex jiġu miġbura u jkunu jistgħu jattendu l-attività. |
| 10.04.03 | Is-Sindku reġa' infurma lill-kunsilliera dwar it-tabella li saret fi Triq Matty Grima minn Transport Malta. Min-naħa tal-Kunsill, huwa informa lir-residenti tal-madwar permezz ta’ ittra, sabiex jinformawhom dwar il-bidliet u l-aktar dettalji rilevanti. |
| 10.04.04 | Is-Sindku ħabbar li kellu laqgħa fil-Università Amerikana ta' Malta, fejn iltaqgħu bħala sindki ta' Bormla, Isla, Birgu, u Kalkara biex jiġu organizzati fundraising għall-tfal tal-Palestina. Huwa informa wkoll li se jkun hemm laqgħa oħra biex jiġu pubblikati iktar informazzjoni dwar l-attività. Is-Sindku kien qed jaħseb li jorbot l-attività tal-Milied mal-attività għall-Palestina, però irridu nistennew mill-organizzaturi tal-Milied biex naraw jekk din l-idea hijiex se ssir jew le. Fil-każ li jsir, irridu |

*2A, ‘The Rest’, St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | nikkordinaw mal-uffiċċju ta' Lydia Abela biex naraw jekk tikkonsidra din l-inizjattiva.<br>Il-Viċi Sindku sugerixxa li jkun hemm qbil ma' tal-Kottonera biex jintbagħat messaġġ li dawk li jattendu għall-attività ta' NYE (Ewwel tas-Sena) jiġu bil-rigal għat-tfal tal-Palestina.<br><br>Kif ukoll bhala Kunsill, biex jagħmlu l-istess bħas sena l-oħra fejn jinġabru flimkein fil-belt valletta biex ipoġġu r-rigali tal-milied, quddiem Kastilja. |
| 10.04.05 | Is-Sindku ried jiġbed l-attenzjoni għall-sitwazzjoni tal-kelb tal-Kunsill, fejn kienu saru lmenti minn xi nies li jattendu l-kunsill. Kien hemm xi episodji fejn il-kelb ħarab u tela ma' xi nies, u ridu jirapurtaw lill-pulizija. Is-Sindku suggerixxa li ssir kamra fil-yard u ssir gate speċjali biex il-kelb ma jkunx fil-Kunsill waqt il-ħin tax-xogħol kif ukoll ikollu l-ispazju tieghu. Il-kunsilliera qablu li jsirlu kamra apposta biex ikun komdu, uli ma jkunx fil-binja tal-Kunsill matul il-ħin tax-xogħol. |
| 10.04.06 | Is-Sindku tkellem u esprima li jixtieq li ssir zebra cross fi Triq Alessandra qabel il-mina ta' Verdala Barricks. Il-Kunsilliera qablu mal-proposta.<br><br>Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet ħarġet mill-kamra tas-seduta. |
| 10.04.07 | Is-Sindku talab li l-faċċata tal-Każin tal-Banda tiġi bħala parking għall-muturi, fejn jitnehhew l-bike racks. Il-Kunsilliera qablu mal-proposta u suggerew li jitneħħew ukoll il-bike racks minn Triq Regatta, Triq il-Gendus, u Triq Don Mintoff. |

| | |
|---|---|
| 10.04.08 | Is-Sindku jixtieq ukoll li meta jkollna l-ħaddiema tar-regjun, jagħmlulna daqsxejn arkati dekorattivi, bħal dawk fi Triq id-Dejqa, f'diversi sqaqien u toroq dojoq.<br><br>Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet daħlet lura fis-seduta. |
| 10.04.09 | Is-Sindku talab li niddiskutu l-kuntratt għall-cafeteria fi Ground Peppi Delceppo. Huwa suggeriex li jinħareg it-tender għal cafeteria u min jirbħu għandu jagħmel ix-xogħol komplut għal-cafeteriabi qbil li ma jhallsux ċertu kera għal ammont taż-żmien.<br><br>Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet tixtieq li tirċievi kopja tal-kuntratt ta' Peppi Delceppo, għal raġuni li fil-kuntratt ma nafux kienx hemm imsemmi l-embellishment tal-ground, u għalhekk komplejna nonfqu iktar flus. Hija tixtieq tkun taf eżattament x'kien inkluż fil-kuntratt, sabiex ma jintnefqux flus bla bżonn, speċjalment meta kien hemm tender b'ammont kbir ta' flus.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tibgħat kopja tal-kuntratt lill-Kunsilliera kif ukoll tirrappreżentah waqt is-seduta li ġejja.<br><br>Il-Viċi Sindku suggeriet li jekk hemm bżonn, niltaqgħu għal laqgħa urġenti biex nagħlquh. |
| 10.04.10 | Is-Sindku wera xewqa li Triq 8 ta' Diċembru, fejn hemm il-bus stop Caferiche, ssir ghal- tallinja biss. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li diġà applikajna għal din il-proposta. |
| 10.04.11 | Is-Sindku qal ukoll li jixtieq li jsiru sleeping police fin-naħa ta' San Ġwann Tgħuxa minħabba li qed ikun hemm sewqien eċċessiv. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsilliera kolla qablu mal-proposta.<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri semma wkoll li l-istess ħaġa tista' ssir fi Triq il-Pellegrinag u waħda qabel il-Knisja.<br><br>Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet saqsiet ukoll jekk nistgħux niccekjaw l-istadju tal-bus stop fi Triq Wigi Rosato, biex tintbaghat email direttament lil Ivan Pierre Vella għal spjegazzjoni, kif ukoll tintbaghat lilha. |
| 10.04.12 | Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet ġiet skuzata mil-laqgħa.<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella sugerixxa li jsiru ktajjen fi Pjazza Paolino Vassallo saabiex ma jghaddux bil-muturi.<br><br>Fl-istess ħin, is-Segretarju Eżekuttiv qajmet il-punt li Dock One Café reġa' għandhu l-imwejjed fuq it-tarag, u l-Sindku Martin Vella suggerixxa li jintbagħatlu ittra. Kulħadd qabel u ser tkun qiegħda tibgħat ittra. |
| 10.04.13 | Is-Sindku Marco Agius informa lil-Kunsilliera dwar ilmenti li qieghed jircivi fuq zebra crossing li tinsab ftit l-isfel mil-bus stop Cafe Riche, fejnqieghdin jissugerixu li timxi mal-bus stop u jimxu minn naħa waħda tal-bus stop għall-oħra. Peress li naha l-oħra tal-bus stop jaqa taħt l-Birgu irridu nsaqsu lil-Kunsill tal-Birgu biex naraw jekk jaqblu mal-proposta. |
| 10.04.14 | Is-Sindku qal ukoll li xi nies sugerewlu biex issir sleeping police fit-Triq 8 ta' Diċembru. Madanakollu, il-Kunsilliera preżenti ma qablux mal-proposta. |

| | |
|---|---|
| 10.04.15 | Is-Sindku qal ukoll li kien tajjeb li jkollna kuntratt għal video kif ukoll għar-ritratti, sabiex meta jkollna attivitajiet, inkunu nistgħu ninfurmaw lill-kuntratturi u ma noqgħodux ngħidu għal 3 kwotazzjonijiet. Il-Kunsilliera qablu li jkollhom allokati €5000 għal kull wieħed għal sena. Il-Kunsillier Martin Vella sugerixxa li ssir il-ħlas bis-siegħa. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jagħmlu l-kuntratt. |
| 10.04.16 | Is-Sindku infurma lil-Kunsilliera preżenti li hemm xi ħadd jixtieq jarma gabana bl-imqaret fil-Bacir. Il-Kunsilliera preżenti ma qablux li jkun hemm permanenti, imma ma sabu l-ebda problema li jarma fil-festa. |
| 10.04.17 | Il-Kunsillier Martin Vella gibed l-attenzjoni li hemm sigra hdejn il-bus shelter cafe riche li xi hadd qieghed jarmi xi zejt ghaliex hemm il- konka kolla zejt u qieghed jikawza hsara lis-sigra. |
| 10.04.18 | Is-Sindku Marco Agius jixtieq li, bħal snin li għaddew, isir il-van għan-Novena. Is-Segretarju Eżekuttiv ha tkun qiegħda tiġbor il-kwotazzjonijiet u jkun hemm rotta. Il-Kunsilliera kollha qablu li jkun hemm ħlas ta' €10. |
| **07.5** | **Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-kunsilliera** |
| 07.05.01 | Is-sindku Marco Agius ħareġ mil-kamra tas seduta.<br><br>Filwaqt li l-Kunsillier Martin Vella staqsa jekk l-email li ddiskutejna waqt l-aħħar seduta, fejn kulħadd qabel li l-Bacir ma jkunx hemm dgħajjes, ntbatitx lil Ministru Chris Bonnett, Is-Segretarju Eżekuttiv avżat li l-email għadha ma ntbatitx u li ha tibgħat estratt mill-minuti flimkien ma imejl dettaljata. |
| 07.05.02 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa wkoll jekk applikajniex biex zebra cross fejn il-monument tal-gwerra, tersaq ħdejn Simonds. Is-Segretarju Eżekuttiv avżat li għada ma ħadmitx fuqha. |

| | |
|---|---|
| 07.05.03 | Is Sindku Marco Agius ġie lura fis-seduta<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella staqsa wkoll fejn intnefaq l-injam li nxtara, u l-Sindku Marco Agius qal li l-injam huwa għall-pjazza quddiem il-Kunsill. Xorta waħda, ha nikonfermaw ghal liem post eżatt. |
| **07.06** | **Approvazzjonijiet ta' Skedi ta' Ħlasijiet** |
| 07.06.01 | Is-segretarja eżekuttiv resqgħet l-iskeda ta' pagamenti numru 07/2024 għad-disa' leġislatura fejn ġew approvati mil-kunsillier Glauber Spiteri u sekonda Martin Vella. |
| 07.06.02 | Is-segretarju eżekuttiv resqgħet l-petty cash għax-xahar ta' Ottubru 2024 fuq il-mejda tas-seduta fejn ġew approvati mil-kunsilliera Martin Vella u l-kunsillier Glauber Spiteri. |
| 07.06.03 | Is-segretarju eżekuttiv resqgħet l-purchase order list għax-xahar ta' Ottubru 2024 fuq il-mejda tas-seduta fejn approvati mil-kunsilliera Glauber Spiteri u l-kunsillier Martin Vella . |
| **07.07** | **Mozzjonijiet ( Mozzjonijiet numru 33/2024 – 38/ 2024)** |
| 07.07.01 | **Mozzjoni Numru 39/2024**<br>**Seduta Nru 10/2024**<br><br>Il-kunsillier Martin Vella ressaq mozzjoni sabiex jekk huwa possibbli jsir riforma fis-servizz tat-transport tal-kunsill.<br>• Eta'<br>• Nuqqas ta' Mobilita'- Nitolbu certifikat |

| | |
|---|---|
| | • Qed ninota li t-ttransport qed jigi utilizzat hazin. Ez; inwaslu resident ghand il-hairdresser, tad-dwiefer… tal-laham, il-pet shop, sahansitra biex jiehdu l-flixken<br>• Points minn fejn jingabru n-nies<br><br>Proponent : Martin Vella<br>Sekondant : Marco Agius<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella sugerixxa li t-trasport għandu jintuża għal nies li verament għandhom bżonn, kif ukoll li jkun hemm punti definiti fejn jingabru n-nies u fejn jinzlu, filwaqt li jiġu stabbiliti l-ħinijiet.<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella sugerixxa li ssir laqgħa mas-Segretarja Parlamentari Alison Zerafa Civelli biex nimplementaw il-proġetti u jigu implimentati f'post ieħor. Kulħadd preżenti qabel mal-proposta. |
| 07.07.02 | **Mozzjoni Numru 40/2024**<br>**Seduta Nru 10/2024**<br>Qed nitlob illi jsir Movie night b'outdoor cinema għat-tfal fejn jinghataw xi snack bħal popcorn u drink. Din issir fl-area ta' Verdala.<br><br>Proponet : Glauber Spiteri<br>Sekondant: Martin Vella<br><br>Dil-mozzjoni ġiet approvata minn kulħadd li ssir bil- ħlas u li ssir għal meżżu temp. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 07.07.03 | **Mozzjoni Numru 41/2024**<br>**Seduta Nru 10/2024 (IX)**<br><br>Għeżież Kunsilliera,<br>Nittama li dan il-messaġġ isibkom tajjeb.<br>Qed nikteb biex nipproponi li nibdew diskussjonijiet dwar it-tifħir tal-memorja ta' Joseph Galea billi nsemmu triq f'Bormla għalih. Is-Sur Grech kien persuna distintiva li ħalla impatt kbir fil-komunità tagħna permezz tas-servizz dedikat tiegħu.<br>Is-Sur Grech kien magħruf għall-kontribuzzjonijiet tiegħu fl-għaqda tal-banda lokali, fil-knisja, u f'diversi inizjattivi komunitarji oħra. L-isforzi bla heda tiegħu u l-impenn lejn il-ġid ta' Bormla huma mfakkra b'affezzjoni minn ħafna, u nemmen li l-għoti ta' isem ta' triq bħala rikonoxximent għalih ikun ġest xieraq.<br>Nitlob bil-qalb biex norganizzaw laqgħa biex niddiskutu din il-proposta u nqisu l-passi meħtieġa biex nimxu 'l quddiem b'dan il-ġest sinifikanti. L-opinjoni u l-appoġġ tagħkom f'dan il-materjal se jkunu ta' importanza biex infakkru l-memorja u l-kontribuzzjonijiet ta' Joseph Grech b'mod xieraq.<br>Grazzi talli qed tikkunsidraw din il-proposta. Nistenna bil-ħerqa l-kummenti tagħkom u biex nibdew din id-diskussjoni importanti.<br><br>Proponent : Glauber Spiteri<br>Sekondant:<br><br>Il-kunsillier Glauber Spiteri informom li nies ta triq tieghu kolla jaqblu li ssir. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku Marco Agius u l-Kunsillier Martin Vella ma qablux ma din il-mozzjoni, iżda kienu tal-fehma li għandha ssir emenda. Qablu li għandhom jagħmlu attenzjoni biex ma jmorrux ikollna nies oħra li jinterpretaw is-sentimenti ta' persuni oħra. Qablu wkoll li jkun hemm eżempju, *Triq Bormlizi ta' kull żmien*, mhux isem Triq Joseph Grech, u li għandhom joqgħodu attenti biex liema t-triq li trid tinbidel. |
| | **Mozzjoni Numru 42/2024**<br>**Seduta Nru 10/2024**<br><br>Qed nitlob illi fi Triq Santa Liena issir motor parking bay.<br><br>Proponent: Glauber Spiter<br>Sekondant: Martin Vella<br><br>Kulħadd qabel b'mod unanimu li jsir l-ewwel parking min triq san Mikiel gej min triq Joseph Casha. |
| 07.07.05 | **Mozzjoni Numru /243024**<br>**Seduta Nru 10/2024**<br><br>Qed nitlob ili jsir festin tal-milied lit-tfal ta' Bormla, dan jsir bl-animators kif ukoll id-dħul tal-Christmas Father nhar 12 ta' Diċembru 2024. Fil-Festin jiċi mqassam Mikel u drinks kif ukoll Rigal żgħir.<br>Proponent : Glauber Spiteri<br><br>Sekondant: Martin Vella |

| | |
|---|---|
| | Dil-mozzjoni ġiet approvata mil kunsilliera prezenti. L-post iddetifikat huwa AUM u ha ssir nhar 21 ta' Dicembru. Il-party tat-tfal ha jkun bil-ħlas u tiii amalgamata mal-attivita tal-milied. |
| 07.07.06 | **Mozzjoni Numru 45 /2024**<br>**Seduta Nru 10/2024**<br>Qed nitlob illi hawn titħawwel siġra sabiex tiġi mbidla dik li kien hemm qabel. Ritratt anness<br>Proponent : Glauber Spiteri<br><br>Sekondant:<br><br>Din il-mozzjoni mghaddietx għaliex rridu permess minghand public works. |
| **07.08** | **Sejħiet għall-offerti** |
| 07.08.01 | Ma kienx hemm |
| **07.09** | **Rapporti** |
| 07.09.1 | Ma kien hemm l-ebda rapporti ppreżentati f'din is-seduta |
| **07.10** | **Performance Bonus tal-impjegati** |
| 07.10.01 | Is-segretarju Ezekuttiv ha tkun qiegħda taħdem l-performance bonus ta' 3 ħaddiema tal-kunsill. Il-kunsilliera preżenti qablu. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| **07.10** | **Aġġornament tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss** |
| 07.10.01 | Is-Seduta ntemmet fit-8:15pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-erbgha 18 ta’ Novembru 2024 fil-5:00p.m |

Konfermati, illum l-Erbgha 18 ta’ Dicembru, 2024

IFFIRMATI

**Marco Agius**

Sindku

IFFIRMATI

**Crystal Daegabriele**

Segretarju Eżekuttiv